Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-*Junior Lyceum*

# Malti

16 ta' Mejju 2000 (8.45 am – 10.30 am)

**Isem u kunjom** ______________________________

Il-kodiċi ta' l-iskola u n-numru tal-kandidat ______________

| Tiktibx hawn |
|---|
| |

Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-*Junior Lyceum*

**Malti**

**It-Tlieta 16 ta' Mejju 2000**

## TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU

**A. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:**
*(L-istudenti huma mħeġġa biex jiktbu pulit u bla żbalji. Dan jgħodd anke għal meta jikkupjaw minn naħa għal oħra.)*

# Meta Telgħetli l-Leħja



Kmieni t-Tnejn li għadda għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu, jiena, Kevin Borg minn Ħal Balzan, skoprejt li kelli l-ħila ntir. Għalhekk qbiżt mill-gallerija għal isfel u ħelu ħelu sibt ruħi f'nofs it-triq. Ħadd ma qalli xejn, jew ngħidu aħna stagħġeb bil-meravilja li kont għamilt. Waqt li kont qiegħed intir, Nina t-Teltilikka qaltli: "Inżel għax irrid inkellmek."*(par.1)*

Meta l-għada fil-għodu mort l-iskola, hekk, f'salt wieħed, sirt tliet subien jixxiebhu. Fula maqsuma. Ħadd ma stagħġeb. Ommi qaltli: "Ara, għandek tliet biċċiet ħobż illum għal nofsinhar." *(par. 2)*

Meta kont qiegħed nagħmel il-*homework*, tant telgħuli, li sabbatt idejja kemm flaħt, tant li mill-pitazz ħareġ annimal daqs dinja. Imma, oħroġ il-għaġeb, qisu ma ġara xejn. Kulma qal missieri kien: "Jekk m'iniex sejjer żball hemm dinosawru fuq il-pitazz u m'għandix fejn niċċaqlaq."*(par. 3)*

Bil-lejl, wara l-ikel, snieni saruli kollha tad-deheb. Għalhekk bdejt ngħajjat kemm niflaħ: "Ma, ara daqsxejn kif snieni saruli tad-deheb!" Huma ma qalgħux għajnejhom minn fuq it-televixin. Qaluli: "Ibża' għalihom u qis li taħsilhom kuljum qabel tmur torqod." *(par. 4)*

Imma mbagħad, il-Ġimgħa, waqt li kont qiegħed nieħu l-kafe' filgħodu kmieni, missieri bħal qisu nħasad u ommi bdiet tqaħqaħ. "X'affarijiet dawn!" bdew jgħidu minn taħt l-ilsien, "X'affarijiet ta' barra minn hawn! - Kevin, illum tmurx skola qabel tqaxxar il-leħja." *(par. 5)*

1. X'jum kien meta Kevin Borg skopra li kellu l-ħila jtir? (par. 1)

2. X'għamel Kevin biex ta prova li kien kapaċi jtir? (par. 1)

3. Għalfejn riditu jinżel Nina t-Teltilikka? (par. 1)

4. Liema jum kien meta Kevin sar tliet subien jixxiebhu? (par. 2)

5. Għalfejn omm Kevin lestietlu tliet biċċiet ħobż? (par. 2)

6. X'kien l-annimal li ħareġ mill-pitazz ta' Kevin meta dan sabbat idejh? (par. 3)

7. Għaliex inkwieta missier Kevin meta għaddielu minn moħħu li seta' kien hemm dinosawru? (par. 3)

8. X'kienu qegħdin jagħmlu l-ġenituri ta' Kevin meta snienu sarulu tad-deheb? (par. 4)

9. Il-ġenituri ta' Kevin x'qalulu biex jagħmel lil snienu li kienu sarulu tad-deheb? (par. 4 )

10. Għaliex inħasdu l-ġenituri ta' Kevin il-Ġimgħa fil-għodu kmieni? (par. 5)

***(10 marki)***

**B. Mis-silta sib il-kelma jew idjoma li għandha din it-tifsira:**

| **Tifsira** | **Kelma/Idjoma** |
|---|---|
| 1. ħaġa tal-għaġeb | 1. |
| 2. f'daqqa waħda | 2. |
| 3. bħal xulxin eżatt | 3. |
| 4. kbir ħafna | 4. |
| 5. baqgħu jħarsu lejn | 5. |

***(5 marki)***

## Ċ. Imla l-vojt bl-Imperattiv skond x'issib fil-parentesi.

Meta jinħaraq xi ħadd segwi dawn l-istruzzjonijiet:

1. L-ewwel __________ (x-r-b) il-parti l-maħruqa għal madwar għaxar minuti b'ilma fietel.
2. Imbagħad __________ (neħħa) kull ħaġa marsusa, bħal ngħidu aħna ċrieket jew ċintorini, qabel il-parti l-maħruqa tibda tintefaħ.
3. __________ (għatta) l-parti l-maħruqa b'biċċa ċarruta xotta u nadifa.
4. Wara li tkun għamilt dan __________ (medd) fuq x'imkien bħal, ngħidu aħna, xi sodda.
5. Fl-aħħar, jekk il-ħarqa tkun serja, __________ (ħa) l-isptar.

***(5 marki)***



## D. Imla l-vojt billi toħroġ kelma minn dawk li hemm fil-parentesi.



Niftakar kollox ċar qisni qiegħda hemm.
Kienet ġurnata sabiħa tas-sajf.
Il-bajja kienet mimlija nies.
In-nies kienet qiegħda __________ *(xemx [1])* fuq ir-ramel.
Xi tfal żgħar kienu qegħdin __________ *(lagħab [2])* bir-ramel filwaqt li l-ġenituri tagħhom kienu għassa magħhom.
Xi tfal oħra kienu qegħdin __________ *(qabad [3])* l-ħut bil-kopp filwaqt li fil-baħar kien hemm xi nies __________ *(għam [4])*.
Imbagħad, f'salt wieħed, __________ *(sema' [5])* twerżiqa.

***(5 marki)***

**E. Daħħal il-punteġġjatura ta' din il-kitba billi tikkupjaha kollha mill-ġdid.**




________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

***(5 marki)***

**F. Imla l-vojt fl-ewwel kolonna billi tagħti l-informazzjoni kif mitlub.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Is-Sur Pawl qiegħed iħares _______ barra mit-tieqa | ***lil*** **(imqassra)** |  |
| 2. Il-_____________ daħlu fil-Bank biex jisirqu. | **Daħħal il-plural ta' *ħalliel*.** |  |
| 3. Iż-(2) _________ irġiel rekbin il-lambretta. | **Ikteb kelma flok in-numru 2.** |  |

| | | |
|---|---|---|
| 4. Ir-raġel qiegħed ____________ żewġ bagalji. | **Ikteb verb bl-għerq *ġ-rr.*** |  |
| 5. Is-Sur Fonz marid ________________. | **Kompli l-idjoma biex turi li s-Sur Fonz *marid ħafna.*** |  |
| 6. Ir-raġel _____________ mejjet taħt siġra. | **Verb ieħor minn *sab.*** |  |
| 7. Dawn iż-żewġt irġiel qegħdin f'nofs _________________. | **Żid nom mill-verb *iddiskuta.*** |  |
| 8. Il-*boxer* ____________ fl-art bid-daqqa. | **Verb fil-passat mill-għerq *w-q-għ.*** |  |
| 9. Il-________________ li hemm fuq il-mejda kbir mhux ħażin. | **Agħti kelma oħra għal *qażquż.*** |  |
| 10. Il-passiġġieri ħadu qatgħa meta telgħu l-ħallelin fil-karozza _________ armi f'idejhom. | **Żid il-partiċella *bi* bl-artiklu.** |  |

***(10 marki)***

**Ġ. Aqra dan it-tagħrif dwar iz-Ziju Ġorġ imbagħad imla l-vojt kif mitlub:**



Iz-Ziju Ġorġ, ħu missieri, kellu żewġ ambizzjonijiet, waħda li jirbaħ il-lotterija nazzjonali u l-oħra li jsir kmandant ta' l-ispazju. *(par. 1)*

Kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar, kien jegħmiżni waħda b'għajnu l-leminija u flimkien konna mmorru salġnien qalb is-sardinell, il-vrieden u l-kanali. Hemmhekk kien jintefa' fuq is-siġġu u b'għajnejh iħarsu fil-bogħod lejn is-sema kien jistaqsi, "Nistgħu nitilqu?" *(par. 2)*

Imbagħad arah jaqbad it-*tractor* filwaqt li jiena ngħidlu: "Iwa." Mal-kelma "iwa", iz-ziju jintilef qalb is-sardinell, il-vrieden u l-kanali tas-sema filwaqt li jitkellem mal-Kontroll tal-Missjoni: *Ħamsa-Erbgħa-Tlieta-Tnejn-Wieħed-Żeru-................u t-tnejn flimkien ninqatgħu mill-art. (par. 3)*

"Dan hu Ġorġ tal-Kmand jitkellem. Qed tismagħni? L-ewwel opra spazjali Maltija tielgħa ħelu ħelu fl-ispazju." *(par. 4)*

U hekk konna ntiru mitlufa, fil-ħin ta' wara nofsinhar sajfi, sakemm jasal ħin it-te bil-qagħaq tal-ħmira u l-ottijiet, qalb il-pjaneti u x-xmux misterjużi, filwaqt li d-dinja kienet titbiegħed qisha ħolma. *(par. 5)*

Iz-Ziju Ġorġ qatt ma rnexxielu jirbaħ il-lotterija nazzjonali, imma bħala kaptan ta' opra spazjali bejn il-pjaneti ma kien hemm ħadd jirbaħlu. *(par. 6)*

1. Għal min qiegħda tirreferi l-kelma <u>kellu</u> fis-sentenza: "<u>Kellu</u> żewġ ambizzjonijiet" (par. 1)

   għaz-ziju ☐
   għall-missier ☐
   għan-nannu ☐

2. il-kelma "flimkien" *(par. 2)* qiegħda tirreferi għaz-

   Ziju Ġorġ u l-Kmandant ☐
   Ziju Ġorġ u l-awtur ☐
   Ziju Ġorġ, il-Kmandant u l-awtur ☐

3. Il-kelma _nhar_ fil-frażi "Kull _nhar_ ta' Ġimgħa" *(par. 2)* tirreferi għal:

xi tip ta' ħruq
xi ħuġġieġa
jum

4. "_Hemmhekk_ kien jintefa' fuq is-siġġu." *(par. 2)* Il-kelma _hemmhekk_ tirreferi:

għas-siġġu
għall-ġnien
għall-vrieden

5. "għajnejh iħarsu fil-bogħod" *(par. 2)*. Dan il-kliem ifisser:

b'ħarstu fil-vojt
Jittawwal
Jieħu ħsieb

6. Il-parti b'sing taħtha fil-kelma "ngħid_lu_" *(par. 3)* qiegħda tirreferi:

għall-awtur
għaz-ziju
għall-moħriet

7. Il-"kanali" *(par. 3)* li qed jissemmew huma

kanali mal-ġenb tat-triq
kanali li minnhom jgħaddu l-kanen ta' l-ilma
għasafar

8. L-idjoma "tielgħa ħelu ħelu" *(par. 4)* tfisser:

bil-mod il-mod
b'ħafna skossi
biċ-ċajt

9. X'ħin ikun meta "jasal ħin it-te bil-qagħaq tal-ħmira u l-ottijiet" *(par. 5)*:

f'nofsinhar
wara nofsinhar
filgħaxija

10. Il-kelma "nazzjonali" *(par. 6)* hi:

tal-futbol
tal-pajjiż
tal-Kunsill Lokali

***(10 marki)***

## G. Imla l-vojt.

| | |
|---|---|
| 1. Il-plural ta' *ambizzjoni.* | 1. |
| 2. Nom minn *mar.* | 2. |
| 3. Kelma waħda għal *l-għajnejn tiegħu.* | 3. |
| 4. Kelma waħda għal *ngħid lilu.* | 4. |
| 5. Kelma waħda minflok *lagħab lilha.* | 5. |
| 6. Aġġettiv minn *spazju.* | 6. |
| 7. Il-plural ta' *xemx.* | 7. |
| 8. Kelma oħra għal *donnha.* | 8. |
| 9. In-negattiv ta' *kienet.* | 9. |
| 10. Verb fl-Imperattiv Plural mill-għerq *r-b-ħ.* | 10. |

***(10 marki)***

## Għ. Agħmel mistoqsija għal dawn it-tweġibiet. (Ikteb mingħajr żbalji u b'mod immaġinattiv.)



1. (a) ____________________
   ____________________

   (b) Il-kelb gidem lill-pustier.



2. (a) ____________________
   ____________________

   (b) Spiru Grima qiegħed jiekol il-ġelat.

3. (a) ______________________________
______________________________

(b) Is-Sur Karl Calleja nefaq Lm10.



4. (a) ______________________________
______________________________

(b) Is-Sinjorina tħobb tixrob.



5. (a) ______________________________
______________________________

(b) Is-Sinjura Vanna Vella għandha tofija.



***(10 marki)***

**H. Agħmel kapxin għal din l-istampa. (Ikteb mingħajr żbalji u b'mod immaġinattiv.)**



______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________

***(5 marki)***

**H. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti:** *(Nerġgħu nfakkru li żbalji ta' l-ortografija, sentenzi miktuba kif ġie ġie, kif ukoll nuqqas ta' paragrafi f'posthom itellfu l-marki. Ikteb pulit u kun immaġinattiv.)*

1. **Meta rajt aljen/a.**

*(Hawnhekk int mitlub/a tirrakkonta b'mod immaġinattiv x'ġara dakinhar li rajt aljen/a. Jekk trid tista' tagħmel użu mill-istampa.)*



2. **Għalfejn inħobb inpinġi.**

*(Hawnhekk trid tagħti r-raġunijiet li għalihom inti tħobb tpinġi. L-istampa t'hawnhekk qiegħda hemm biss bħala eżempju ta' tpinġija tat-tfal.)*



3. **Agħmel deskrizzjoni ta' mostru.**

*(Jekk trid tista' tuża l-istampa li hawn fil-ġenb biex tgħin l-immaġinazzjoni tiegħek.)*



4. **Li kieku kont dinosawru.**

*(Hawnhekk trid timmaġina x'tagħmel li kiekú kont dan l-annimal preistoriku.)*



5. **Inċident tat-traffiku li rajt.**

*(Hawnhekk trid tirrakkonta x'ġara f'dan l-inċident. Jekk trid tista' tagħmel użu mill-istampa li hawn fil-ġenb.)*



***(AQLEB IL-PAĠNA BIEX TIKTEB.)*** ***(25 marka)***